— tikkundanna lis-SRB għall-ispejjeż tal-kawża.

Sussidjarjament, jekk il-Qorti Ġenerali tikkunsidra li d-deċiżjoni kkontestata ma teżistix legalment minħabba li s-SRB uża lingwa uffiċjali żbaljata u li r-rikors għal annullament ikun għalhekk inammissibbli minħabba nuqqas ta' suġġett, ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara li d-deċiżjoni kkontestata ma teżistix legalment;

— tikkundanna lis-SRB għall-ispejjeż tal-kawża.

### Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikors huwa bbażat fuq disa' motivi, identiċi għal dawk invokati fil-Kawża T-440/23, Berlin Hyp vs SRB.

---

## Rikors ippreżentat fil-31 ta' Lulju 2023 – Landesbank Hessen-Thüringen Girozentrale vs SRB

## (Kawża T-487/23)

(2023/C 338/51)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Landesbank Hessen-Thüringen Girozentrale (rappreżentanti: H. Berger, M. Weber u D. Schoo, avukati)

*Konvenut:* Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni tat-2 ta' Mejju 2023 dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni għall-2023 (SRB/ES/2023/23), inklużi l-annessi, sa fejn id-deċiżjoni kkontestata, inklużi l-Anness I, l-Anness II u l-Anness III, tikkonċerna l-kontribuzzjoni tar-rikorrenti, u

— tikkundanna lis-SRB għall-ispejjeż tal-kawża.

Sussidjarjament, jekk il-Qorti Ġenerali tikkunsidra li d-deċiżjoni kkontestata ma teżistix legalment minħabba li s-SRB uża lingwa uffiċjali żbaljata u li r-rikors għal annullament ikun għalhekk inammissibbli minħabba nuqqas ta' suġġett, ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara li d-deċiżjoni kkontestata ma teżistix legalment;

— tikkundanna lis-SRB għall-ispejjeż tal-kawża.

### Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikors huwa bbażat fuq disa' motivi, identiċi għal dawk invokati fil-Kawża T-440/23, Berlin Hyp vs SRB.

---

## Rikors ippreżentat fil-31 ta' Lulju 2023 – BHW Bausparkasse vs SRB

## (Kawża T-488/23)

(2023/C 338/52)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrent:* BHW Bausparkasse AG (Hameln, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. Berger, M. Weber u D. Schoo, avukati)

*Konvenut:* Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni tat-2 ta' Mejju 2023 dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni għall-2023 (SRB/ES/2023/23), inklużi l-annessi, sa fejn id-deċiżjoni kkontestata, inklużi l-Anness I, l-Anness II u l-Anness III, tikkonċerna l-kontribuzzjoni tar-rikorrenti, u

— tikkundanna lis-SRB għall-ispejjeż tal-kawża.

Sussidjarjament, jekk il-Qorti Ġenerali tikkunsidra li d-deċiżjoni kkontestata ma teżistix legalment minħabba li s-SRB uża lingwa uffiċjali żbaljata u li r-rikors għal annullament ikun għalhekk inammissibbli minħabba nuqqas ta' suġġett, ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara li d-deċiżjoni kkontestata ma teżistix legalment;

— tikkundanna lis-SRB għall-ispejjeż tal-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-rikors huwa bbażat fuq seba' motivi, identiċi għal dawk invokati fil-Kawża T-483/23, Deutsche Kreditbank vs SRB.

---

**Rikors ippreżentat fit-12 ta' Awwissu 2023 – Fidia farmaceutici vs EUIPO – Vorwarts Pharma (HYALERA)**

**(Kawża T-497/23)**

(2023/C 338/53)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Fidia farmaceutici SpA (Abano Terme, l-Italja) (rappreżentant: R. Kunz-Hallstein, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Vorwarts Pharma sp. z o.o. (Białystok, il-Polonja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "HYALERA" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 195 287

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-17 ta' Mejju 2023 fil-Każ R 230/2023-5

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż; sussidjarjament, f'każ li l-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell tintervjeni, tikkundanna lill-EUIPO u lill-intervenjenti *in solidum* għall-ispejjeż.